MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2008

Numru. 192/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Patrick Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Patrick Muscat, ta' 29 sena, iben John u Josephine nee' Galea, imwieled Attard nhar il-5 ta' Marzu, 1979, u residenti fil-fond bl-isem "Poynton".. Triq Sir Temi Zammit, Mgarr u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 195479M.

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Awissu, 2008 u fis-snin ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu id-dorga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghi id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-rasa bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-ligi, tordna lil l-imputat sabiex ihallas l-

ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 5 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta mizmuma llum 20 ta' Awissu 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat l-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali ta' l-imputat u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 5 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-l-Artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta'sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------